



## UNJONI EWROPEA

**IL-PARLAMENT EWROPEW**

**IL-KUNSILL**

**Brussell, 14 ta' Marzu 2019  
(OR. en)**

**2018/0432 (COD)**

**PE-CONS 12/19**

**FSTR 6  
REGIO 4  
FC 2  
CADREFIN 22  
RELEX 33  
PREP-BXT 10  
CODEC 119**

### **ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

Suġġett: **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL sabiex ikunu jistgħu jittkomplew il-programmi għall-kooperazzjoni territorjali PEACE IV (l-Irlanda - ir-Renju Unit) u għar-Renju Unit - l-Irlanda (l-Irlanda - l-Irlanda ta' Fuq - l-Iskozja) fil-kuntest tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni**

**REGOLAMENT (UE) 2019/...**  
**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**ta' ...**

**sabiex ikunu jistgħu jitkomplew**  
**il-programmi għall-kooperazzjoni territorjali PEACE IV (l-Irlanda - ir-Renju Unit)**  
**u għar-Renju Unit - l-Irlanda (l-Irlanda - l-Irlanda ta' Fuq - l-Iskozja)**  
**fil-kuntest tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 178 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Wara li kkonsultaw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja<sup>2</sup>,

---

<sup>1</sup> Opinjoni tal-20 ta' Frar 2019 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>2</sup> Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Marzu 2019 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill ta' ...

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit ippreżenta n-notifika bl-intenzjoni tiegħu li jöhroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). It-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim dwar il-ħruġ jew, fin-nuqqas ta' dan, sentejn wara n-notifika, jiġifieri mit-30 ta' Marzu 2019, dment li l-Kunsill Ewropew, bi ftehim mar-Renju Unit, ma jiddeċidix b'mod unanimu li jestendi dan il-perjodu.
- (2) Il-ħruġ ser iseħħ matul il-perjodu ta' programmar tal-2014-2020, li matulu r-Renju Unit qed jipparteċipa fi ħmistax-il programm ta' kooperazzjoni taħt l-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea. Tnejn minn dawk il-programmi, jiġifieri PEACE IV (l-Irlanda - ir-Renju Unit) u r-Renju Unit - l-Irlanda (l-Irlanda - l-Irlanda ta' Fuq - l-Iskozja) (imsejħa flimkien bħala l-“programmi ta' kooperazzjoni”), huma programmi li jinvolvu lill-Irlanda ta' Fuq u jappoġġaw il-paċi u r-rikonċiljazzjoni kif ukoll il-kooperazzjoni bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar permezz tal-Ftehim ta' Paċi għall-Irlanda ta' Fuq (“Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira”) li l-Unjoni għandha l-intenzjoni li tkompli bih anki jekk ir-Renju Unit jöhroġ mill-Unjoni mingħajr ftehim dwar il-ħruġ li jkun daħal fis-seħħ fid-data li fiha t-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit, skont l-Artikolu 50(3) TUE. Għaldaqstant, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun limitat għal dawk il-programmi ta' kooperazzjoni.

- (3) Il-programmi ta' kooperazzjoni huma b'mod partikolari rregolati mir-Regolamenti (UE) Nru 1299/2013<sup>1</sup>, (UE) Nru 1303/2013<sup>2</sup> u (UE, Euratom) 2018/1046<sup>3</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet sabiex, wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, ikunu jistgħu jtkomplew il-programmi ta' kooperazzjoniskont dawk ir-Regolamenti.
- (4) Fir-rigward tal-programmi ta' kooperazzjoni, l-awtorità ta' ġestjoni tinsab fil-Korp għall-Programmi Speċjali tal-UE ("SEUPB") mwaqqaf skont il-Ftehim bejn il-Gvern tal-Irlanda u l-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq li jistabbilixxi l-Korpi għall-Implimentazzjoni, iffirmat fit-8 ta' Marzu 1999. Peress li l-programmi ta' kooperazzjoni jinvolve l-Irlanda ta' Fuq, dawn jenħtieġ li jkomplu bid-dispożizzjonijiet kumplementari neċessarji.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 259).

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

- (5) Għall-finijiet tal-kontinwazzjoni tal-programmi ta' kooperazzjoni, jenħtieġ li jiġi ċċarat li, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 20(2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 1299/2013, huma jistgħu jkopru reġjuni parteċipanti fir-Renju Unit, li jenħtieġ li jkunu ekwivalenti għal reġjuni tal-livell 3 ta' NUTS.
- (6) Għall-finijiet ta' kontinwazzjoni tal-programmi ta' kooperazzjoni b'finanzjament mill-baġit ġenerali tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġi konkluż ftehim amministrattiv bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tar-Renju Unit b'effett mid-data li fiha t-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit, li jippermettu l-kontrolli meħtieġa u l-awditjar tal-programmi ta' kooperazzjoni. Jekk tali kontrolli u awditjar ma jkunux jistgħu jitwettqu, il-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha l-possibbiltà li tinterrompi l-iskadenzi tal-pagamenti, tissospendi l-pagamenti u tapplika korrezzjonijiet finanzjarji kif stabbiliti fl-Artikoli 83, 142, 144 u 145 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.
- (7) F'konformità mal-Artikolu 76 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, id-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li japprovaw il-programm PEACE IV (l-Irlanda - ir-Renju Unit) tat-30 ta' Novembru 2015 u l-programm Interreg VA tat-12 ta' Frar 2015 se jkomplu jikkostitwixxu deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 u għaldaqstant impenn legali skont it-tifsira tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046. Ir-Renju Unit jibqa' suġġett għall-obbligi finanzjarji li ħa bħala Stat Membru, li huma marbutin ma' dawn l-impenji legali tal-Unjoni.

- (8) Ir-Renju Unit mhux ser jibqa', mid-data li fiha t-Trattati ma jibqgħux japplikaw għaliha. parti mill-parti taż-żona tal-programm marbuta mal-Unjoni skont it-tifsira ta' l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) Nru 1299/2013. Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament dwar l-eliġibbiltà tal-operazzjonijiet skont il-lokalità jenħtieġ li jiġu adattati.
- (9) Minħabba li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li tkun permessa, wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, il-kontinwazzjoni tal-programmi ta' kooperazzjoni, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti ta' dan, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.
- (10) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni immedjata tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika biss f'sitwazzjoni fejn l-ebda ftehim ta' ħruġ, ma jiġi konkluż mar-Renju Unit f'konformità mal-Artikolu 50(2) tat-TEU, ma jkun daħal fis-seħħ sad-data li fiha t-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit, skont l-Artikolu 50(3) TUE,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## *Artikolu 1*

### *Suġġett u kamp ta' applikazzjoni*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi dispożizzjonijiet biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-  
ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni f' sitwazzjoni fejn l-ebda ftehim ta' ħruġ konkluż mar-  
Renju Unit, f'konformità mal-Artikolu 50(2) tat-TEU, ma jkun daħal fis-seħħ fid-data li  
fiha t-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit, skont l-Artikolu 50(3) tat-TEU, kif  
ukoll fir-rigward tat-tkomplija ta' dawn iż-żewġ programmi ta' kooperazzjoni koperti mir-  
Regolament (UE) Nru 1299/2013 bil-parteċipazzjoni tar-Renju Unit (imsejjaħ b'mod  
konġunt bħala "il-programmi ta' kooperazzjoni"):
  - (1) PEACE IV (l-Irlanda - ir-Renju Unit);
  - (2) għar-Renju Unit - l-Irlanda (l-Irlanda - l-Irlanda ta' Fuq - l-Iskozja).
2. Ir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 għandu jkompli japplika għall-programmi ta'  
kooperazzjoni suġġetti għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*  
*Kopertura ġeografika*

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 20(2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 1299/2013, il-programmi ta' kooperazzjoni jistgħu jkopru reġjuni parteċipanti fir-Renju Unit, li għandhom ikunu ekwivalenti għar-reġjuni tal-livell NUTS 3.

*Artikolu 3*  
*Awtoritajiet tal-programm*

Permezzta' deroga mill-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) Nru 1299/2013:

- Il-Korp għall-Programmi Speċjali tal-UE (SEUPB) li jospita l-awtorità ta' ġestjoni u l-awtorità ta' ċertifikazzjoni tal-Programmi ta' kooperazzjoni, għandu jkompli jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu;
- id-Dipartiment tal-Finanzi tal-Irlanda ta' Fuq għandu jibqa' l-awtorità tal-awditjar għal dawk il-programmi ta' kooperazzjoni.

#### *Artikolu 4*

##### *Kompetenzi tal-Kummissjoni rigward kontrolli*

L-applikazzjoni tar-regoli rigward il-kontrolli u l-awditjar tal-programmi ta' kooperazzjoni għandha tiġi miftiehma bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tar-Renju Unit. Il-kontrolli u l-awditjar għandhom ikopru l-perjodu kollu tal-programmi ta' kooperazzjoni.

Jekk il-kontrolli u l-awditjar meħtieġa tal-programmi ta' kooperazzjoni ma jistgħux jiġu esegwiti fir-reġjuni kollha kkonċernati, dan għandu jitqies li jikkostitwixxi nuqqas serju fis-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll għall-finijiet tal-miżuri kif stabbilit fl-Artikoli 83, 142, 144 u 145 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

#### *Artikolu 5*

##### *Eliġibbiltà tal-operazzjonijiet skont il-lokalità*

Il-limitu stabbilit fil-punt (b) tal-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) Nru 1299/2013 ma għandux japplika għall-programmi ta' kooperazzjoni.

*Artikolu 6*  
*Dħul fis-seħħ u applikazzjoni*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-jum ta' wara dak li fih it-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit, skont l-Artikolu 50(3) TUE.

Madankollu, dan ir-Regolament ma għandux japplika jekk jiġi konkluż ftehim dwar il-ħruġ mar-Renju Unit f'konformità mal-Artikolu 50(2) TUE li jkun daħal fis-seħħ sad-data msemmija fit-tieni paragrafu ta' dan l-Artikolu.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

---